## 21 ta' Mejju, 1953

### Imħallef :
### L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Anthony Albert Cassar Torregiani ne.** *versus* **Publio Cardona**

**Azzjoni — Interess.**

***Għalkemm hu veru li, biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, jew biex jikkontradiċiha, hu meħtieġ li jkollu interess, u l-interess hu ħaġa essenzjalment distinta mid-dritt, dak l-interess però jrid ikun mhux biss dirett u attwali, imma anki leġittimu, jiġifieri konformi għad-dritt ta' min ikun fil-kawża.***

***Għaldaqstant, jekk min jipproponi l-azzjoni jkollu l-interess li jipproniha, imma mhux ukoll id-dritt li jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi.***

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi d-ditta attriċi jonqsulha d-dokumenti li jippruvaw il-konsenja da parti tal-konvenut ta' vjaġġ ta' 103 xkejjer qamħ "ex fossa" numru 50 "Wheat Manitoba no. 3 ex S.S. George D. Gratsos", u ta' żewġ vjaġġi ta' 100 xkora qamħ il-wieħed "ex-fossa" numru 41 "Wheat Australian" ex S.S. Greenwich; u li huwa ried jivverifika jekk dawn il-vjaġġi waslux jew le għand id-ditta attriċi, u għalhekk talab lill-konvenut, u anki interpellah uffiċjalment, biex jeżibixxi d-dokumenti oriġinali li huma fil-pussess tiegħu u li jirrigwardaw it-tliet vjaġġi, iżda l-konvenut inġustament naqas jeżibixxi dawk id-dokumenti; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat jeżibixxi dawk id-dokumenti kollha li huma fil-pussess tiegħu li jistgħu jippruvaw jekk it-tliet vjaġġi fuq indikati ġewx konsenjati jew le lid-ditta attriċi. B'riżerva ta' l-azzjoni għad-danni kontra l-konvenut, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Diċembru 1952;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi l-konvenut hu l-kuntrattur tal-Gvern — responsabili unikament lejn il-Gvern — għall-"fossing and defossing of wheat", u għat-trasport mill-fossos ta' l-istess qamħ li jkun ġie, jew li jkun sejjer

jiġi konsenjat mill-Gvern lill-makni li jaħdmuh. Bejn il-proprjetarji ta' dawn il-makni u i-konvenut ma jinterċedi ebda rapport ġuridiku; id-dmirijiet u d-drittijiet tiegħu huma lejn u kontra l-Gvern, li hu responsabili lejn il-proprjetarji tal-makni għall-operat tal-konvenut anki fit-trasport tal-qamħ, anki meta dan it-trasport isir wara l-konsenja ta' l-istess qamħ......... Il-konsenja tal-qamħ issir direttament mill-Gvern per mezz ta' l-impjegati tiegħu lill-impjegati tal-makni, fuq il-fossos meta l-peżament isir fuq il-fossos, u fil-makna meta l-peżament isir fil-makna; u għal dak li jista' jissuċċiedi waqt it-trasport huwa responsabili l-Gvern lejn il-proprjetarji tal-makni, anki meta t-trasport isir wara l-konsenja, u mhux il-konvenut, li però mbgħad iwieġeb lejn il-Gvern in forza tal-kuntratt li għandu miegħu;

Illi għalhekk ma jirriżultax id-dritt tad-ditta attriċi li tikkostringi lill-konvenut jeżibilha d-dokumenti, li jistgħu jkunu fil-pussess tiegħu, relativi għat-trasport tal-qamħ imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, u d-dover korrelativ tal-konvenut;

Illi l-attur nomine jista' forsi jobbjetta li huwa għandu nteress li jara l-imsemmija dokumenti; però, għalkemm hu veru li, biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, jew biex jikkontradiċiha, hu neċessarju li jkollu nteress, u l-interess hija ħaġa essenzjalment distinta mid-dritt, dak l-interess, però, mhux biss irid ikun dirett u attwali, imma anki leġittimu, jiġifieri konformi għad-dritt ta' min ikun fil-kawża;

"L'azione", jikteb Mattirolo (Vol. I, paġ. 50), "compete soltanto a tutela dei diritti; l'interesse è la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse è scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibile; così che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, che non esiste se non è 'injuria datum', se cioé non è prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto". U Mortara hekk jispjega n-nozzjoni ta' l-interess, riferita għas-soġġett attiv :— "La utilità finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto" (Vol. II, paġ. 588). U l-istess skrittur jafferma illi l-prinċipju korrett fil-materja ġie eżatta-

ment enunċjat mili-Qorti ta' l-Appell ta' Torino fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1901 (Giur. Ital. 1902, 1, 2, 386), fejn hemm miktub "che la legge non può proteggere che quell'interesse *che tiene la sua base in un diritto*";

Illi, fl-aħħarnett, jiswa li jiġi notat fil-każ preżenti, mhux għad-definizzjoni tal-kwistjoni, imma għall-aħjar intelliġenza ta' l-affarijiet, illi d-ditta attriċi ma għamlet ebda lment lid-dipartiment tal-Gvern fuq innsemmi li ma rċevietx il-qamħ indikat fl-att taċ-ċitazzjoni; anzi fl-"stock statement" li tibgħat kull ġimgħa lil dak id-dipartiment irrapurtat li rċevietu;

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-istanza, bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.